Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

MALTA

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru 12/2012:**

## Antoinette Calleja

## Vs

## Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Illum 15 ta' Dicembru 2016,

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax . (MIT)
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra l-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu l-partijiet kienu qablu li dan l-appell u l-appell numru 11/2012 jinstemghu flimkien u x-xhieda li tinghata f'kull appell tigi kkunsidrata wkoll fl-ohra.

Ra l-appell tal-appellanti ai termini tal-artiklu 7(a) 7(b) 7 (d) 7(f) u 7(g) tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu hija qed tilmenta li l-Kap tad-Dipartiment fejn tahdem is-sur Francis Attard ma kellux jghaddi informazzjoni lil Ombudsman li skond hi ma kienux relatati mal-ilment li hija ghamlet mal-Ombudsman fl-1 ta' Settembru 2011. L-ilment taghha tal-1 ta' Settembru 2011 kien dwar il-mod irregolari u ksur tal-proceduri kif stabbiliti fis-settur pubbliku fir-rigward ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tax-xoghol (performance appraisal) ta' impjegati li jkunu jokkupaw 'headship position' ghal perjodu mil-1 ta' April 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010.

Ra r-risposta tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li permezz taghha huwa jikkontendi li d-decizjoni tieghu tal-21 ta' Ottubru 2012, li tali kliem jammontaw ghal opinjoni u mhux ghal data personali u data personali sensittiva ai termini tad-definizzjoni ta' data personali u data personali sensittiva f'artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u artikolu 7 u 9 ( c ) tal-istess att kif ukoll artikolu 19(1) tal-Att dwar l-Ombudsman u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud ai termini tal-artikolu 49(2)(a)(b)(c)(d0 tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra x-xhieda u l-provi kollha prodotti u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Dan huwa kaz fejn l-appellanti li tahdem jew kienet tahdem mad-Dipartiment tal-Kuntratt ghamlet ilment fl-Ufficju tal-Ombudsman ghax skond hi l-Kap taghha, s-Sur Francis Attard: *"Failed in his duties to: discuss with me my performance review report for 2010; indicate my performance review report rating for 2010 (bonus); justify my performance review report rating for 2010."*

Meta gew mitluba jwiegbu l-Kap taghha s-Sur Frans Attard u s-sur Alfred Camilleri s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-appellanti tikkontendi li ghaddew informazzjoni dwarha lil Ombudsman li ma kellha ebda konnessjoni jew relatata mal-ilment taghha. Din l-informazzjoni kienet fis-sens li l-appellanti '*was driving them crazy*'; li kienet '*suspicious of everybody and everything*' u li kienet '*suffering from some form of paranoia.*' U li hija tqis li kienet "*unnecessary, irrelevant, incorrect and unfair personal data and sensitive' u li 'such data should have never been disclosed.*'

Sar ilment mal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data mill-appellanti fid-19 ta' April 2012 u d-decizjoni tal-Ombudsman inghatat fit-23 ta' Mejju 2012. L-ilment taghha gie michud fil-21 ta' Ottubru 2012 stante li skont l-istess Kummissarju ghall-Informazzjoni mghoddija lil Ombudsman ma taqghax that id-definizzjoni ta' '*personal data*' u '*sensitive personal data*' ai termini tal-artikolu 2, ma tiksirx l-artiklu 7 u 9 (c ) tal-istess Att cioe l-Kap 440 al-Ligijiet ta' Malta.

Skont l-istess Kummissarju dan il-kliem uzat mis-superjuri taghha ma jikkostitwix processar ta' data personali jew sahansitra processar ta' data personali sensittiva u dan minhabba l-fatt li huma kienu qed jaghtu opinjoni dwar il-karattru tal-appellanti.

Ra x-xhieda tal-appellanti, u ta' Francis Attard, Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti u d-dokumenti kollha esebiti, f'liema xhieda a fol 132 l-appellanti permezz tal-avukat taghha Dr Maria Cardona ssottomettiet li dwar informazzjoni sensittiva relatata u konnessa mal-mizuri dixxiplinari kellhom jigu skrepjati u ma kellhomx jintuza fir-risposta mid-Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti. Fl-istess xhieda hareg car u anke mill-provi prodotti li l-operat tal-Ombudsman mhux sindakabbli u li l-kaz quddiem l-Ombudsman tal-appellanti inghatat raguni ghal dak li jirrigwarda l-process ta' kif sar l-appraisal tal-performance taghha ghall-perjodu mill-1 ta' April 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010 (fol 37 oveleaf) u ghalhekk il-kaz waqa' kollu u skont l-Public Service Management Code, ladarba hija giet liberata, l-file dwar id-dixxiplina tal-appellanti gie distrutt (vide fol 118) u ghalhekk ebda tracci ta' dawn il-kummenti ma fadal fil-personal file tal-istess appellant.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal sejjer janalizza x'jikkostitwixxi 'personal data' u 'sensitive personal data' ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap 440.

Illi preliminarjament dan it-Tribunal ma jistax jifhem il-kummenti mhux flokhom li saru mit-Tribunal diversament kostitwit meta a fol 153 u 154 jirrizulta li c-Chairman ta' dak iz-zmien ghadda a fol 154 kummenti li 'jekk l-Ombudsman ma waqfux lanqas jista jwaqfu d-Data Protection Commissioner' , dan ghalhiex iz-zewg dekasteri ghandhom funzjoni differenti.

Illi dwar il-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi rilevat li d-definizzjoni ta' 'sensitive data' kemm that il-Konvenzjoni 108 (artiklu 6) u id-Data Protection Directive (artiklu 8) data personal rigward sahha u hajja sesswali jaqghu that 'personal data'. Fil-kaz **Bodil Lindqvist (CIEU, C-101/01 Bodil Lindqvist, 6 ta' Novembru 2003 para 51),** gie ritendut li "*reference to the fact that an individual has injured her foot and is on half time on medical grounds constitutes personal data concerning health within the meaning of Article 8(10 of Directive 95/46.*

Rigward '*personal data*' din dejjem giet interpretata bhala li it '*covers information pertaining to the private life of a person as well as information about his or her professional or public life.*' U fil-kaz **Bodil Lindqvist vs Aklagarkammaren I Jonkoping** – case Commissioner -

101/01 European Court of Justice moghti fid-19 ta' Settembru 2002, gie ritenut fl-Opinjoni tal-avukat Generali Tizzano para 24 li 'The terms '*personal data' undoubtedly covers the name of a person in conjunction with his telephone number or information about his working conditions or hobbies."*

L-artikolu 2 tal-Kap 440 jaghti definizzjoni ta' 'data personali u 'data personali sensittivi' . B'data personali l-istess Kap jghid li *tfisser* ***kull informazzjoni*** *li tirrigwarda persuna naturali identifikata jew identifikabbli: persuna identifikabbli hija persuna li tista tigi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza ghal numru ta' identifikazzjoni jew ghal xi fattur wiehed jew iktar specifiku ghall-identita fizika, fizjologika, mentali, ekonomika kulturali jew socjali taghha.* Filwaqt li 'data personali sensittivi ' skond l-istess Kap 440 tfisser '*data personali li jkunu jizvelaw r-razza jew l-origini etnika, fehmiet politici, twemmin religjuz jew filosofiku, shubija fi trade union, sahha jew attivita sesswali'.*

Inoltre l-Qrati tal-Unjoni Ewropea kemm-il darba rritenew li "*the right to respect for private life, embodied in article 8 of the ECHR and deriving from the common constitutional traditions of the Member States, is one of the fundamental rights protected by the legal order of the Community, It includes in particular a person's right to keep his state of health secret.*" Article 2(a) of Regulation 45/2001 jiddefinixxi "personal data" as *any information relating to an identified or identifiable natural person*; filwaqt li l-artiklu 2(b) tal-istess regolamentt jiddefinixxi "*processing of personal data*" bhala "*any operation or set of operations which is performed upon personal data, whether or not by automatic means, such as collection, recording, organization, storage, adaptation or alteration, retrieval, consultation, use, disclosure by transmission, dissemination or otherwise making available, alignment or combination, blocking, erasure or destruction*".

Il-Kummissarju tad-Data fl-Ingilterra fil-publikazzjoni tieghu ***The Guide to Data Protection*** jghid hekk dwar *sensitive personal data*: "*The categories of sensitive personal data are broadly drawn so that, for example, information that someone has a broken leg is classed as sensitive personal data, even though such information is relatively matter of fact and obvious to anyone seeing the individual concerned with their leg in plaster and using crutches. Clearly details about an individual's mental health, for example, are generally much more "sensitive" than whether they have a broken leg." (fol 7 tal-istess).* Tajjeb jigi osservat li t-tifsira ta' *sensitive personal data* fl-Ingilterra hija l-istess bhal taghna ghax ovvjament bazata fuq l-istess regolament tal-Unjoni Ewropea.

Dan it-Tribunal wera li fela bir-reqqa dawn it-tifsiriet u l-provi kollha prodotti, jiddeciedi li dak li rrilevaw dwar l-appellanti s-superjuri taghha jaqa' taht id-definizzjoni ta' 'data personali ' u ta 'data personali sensittiva ' u ma jistax jinghad li huwa opinjoni tenut kont tal-fatt li tali konkluzjoni d-Direttur Generali huwa wasal ghaliha fil-kapacita tieghu ta' Kap ta' Dipartiment u li oltre minn dan, ma kellha x'taqsam xejn tali informazzjoni mal-ilment tal-

appellanti li ghamlet mal-Ombudsman.. L-artikolu 2 jaghmilha cara li anke fattur wiehed u kull informazzjoni jaqghu taht id-definizzjoni ta' data personali.

Dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-Kummissarju li dak li ghamel id-Direttur Generali kienet biss opinjoni anke ghal fatt li tali opinjoni jekk irid isejhilha opinjoni huwa ghagiena bis-sahha tal-kariga tieghu u kellu jzommha ghalih u mhux iperricha mal-Ombudsman. Il-fatt li d-Direttur Generali ghazel li jaghmel dan bhala stat ta' fatt, ma tibqax aktar opinjoni personali tieghu izda saret informazzjoni dwar l-appellanti u informazzjoni sensittiva dwar l-istess.

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa l-appell tal-appellanti u jiddeciedi li l-informazzjoni li ghadda lil Ombudsman d-Direttur Generali (Kuntratti) dwar l-appellanti mhix opinjoni izda data personali u data personali sensittiva ai termini tal-artikolu 2 tal-kap 440, jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju tal-21 ta' Ottubru 2012, u jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissarju sabiex jerga jikkunsidraha mill-gdid u jasal ghal decizjoni skont ir-rizultanzi tat-Tribunal u dana ai termini tal-artikolu 49(4) tal-Kap 440.**

Dr Anna Mallia
Chair person

Mr Charles Cassar
Membru

Mr David Bezzina
Membru